



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

8 ta' Ġunju 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE –
Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Kuntratt bi skop doppju –
Artikolu 2(b) – Kunċett ta' 'konsumatur' – Kriterji”

Fil-Kawża C-570/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie (il-Qorti Distrettwali ta' Varsovie-Wola, li għandha s-seda tagħha f'Varsavja, il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Ġunju 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Settembru 2021, fil-kawża

I.S.,

K.S.

vs

YYY. S.A.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, D. Gratsias, M. Ilešič, I. Jarukaitis u Z. Csehi (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal I.S. u K.S., minn P. Artymionek, A. Citko u M. Siejko, radcowie prawni,
- għal YYY. S.A., minn Ł. Hejmej, M. Przygodzka u A. Szcześniak, adwokaci,
- għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. L. Kaléda, U. Małecka u N. Ruiz García, bħala aġenti,
wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, I.S. u K.S. u, min-naħa l-oħra, YYY. S.A., bank, dwar il-ħlas ta' ammont, flimkien mal-interessi, li sar lil dan il-bank skont klawżoli f'kuntratt ta' kreditu ipotekarju indiċjat mar-rata ta' skambju ta' munita barranija.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 93/13

- 3 Skont l-għaxar premessa tad-Direttiva 93/13:

"[...] tista' tinkiseb protezzjoni aktar effettiva tal-konsumatur billi jiġu adottati regoli tal-liġi uniformi fil-kwistjoni ta' klawżoli inġusti; [...] dawk ir-regoli għandhom jgħoddu għall-kuntratti kollha konklużi bejn il-bejjiegħa jew il-fornituri u l-konsumaturi; [...]"

- 4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li japprossima l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri relatati ma' klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur."

- 5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva huwa fformulat bil-mod kif ġej:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

[...]

- (b) 'konsumatur' tfisser kull persuna naturali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopjiet li jkunu barra s-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha;
- (c) 'bejjiegħ jew fornitur' tfisser kull persuna naturali jew legali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopjiet relatati mas-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha, sew jekk proprjetà pubblika u sew jekk proprjetà privata."

6 L-Artikolu 3(1) tal-istess direttiva jipprevedi li “[k]lawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta’ *buona fede*, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.”

7 L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi:

“L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f’kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti.”

Id-Direttiva 2011/83/UE

8 Il-premessa 17 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64), tiddikjara:

“Id-definizzjoni ta’ konsumatur għandha tkopri l-persuni fiżiċi li mhumiex qed jaġixxu fil-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħhom. Madankollu, fil-każ ta’ kuntratti għal żewġ għanijiet, fejn il-kuntratt huwa konkluż għal skopijiet parzjalment fl-ambitu jew parzjalment barra mill-ambitu tal-kummerċ ta’ persuna u l-iskop ta’ kummerċ tant huwa limitat li mhuwix predominanti fil-kuntest kumplessiv tal-kuntratt, dik il-persuna wkoll għandha titqies bħala konsumatur.”

9 L-Artikolu 2 ta’ din id-direttiva jipprovdi:

“Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva:

- (1) ‘konsumatur’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika li, f’kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopijiet li jkunu lil hinn mis-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha;
- (2) ‘kummerċjant’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe persuna ġuridika, indipendentement mill-fatt li tkun suġġett pubbliku jew privat, li taġixxi, anki permezz ta’ persuna li tkun qed taġixxi f’isimha jew għall-interessi tagħha, għall-iskopijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha fil-kuntatti koperti minn din id-Direttiva;

[...]”

Id-Direttiva 2013/11/UE

- 10 Il-premessa 18 tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU 2013, L 165, p. 63) tiddikjara:

“Id-definizzjoni ta' 'konsumatur' għandha tkopri l-persuni fiżiċi li jaġixxu barra mill-kummerċ, in-negozji, is-sengħa jew il-professjoni tagħhom. Madankollu, jekk il-kuntratt jiġi konkluż għal skopijiet parzjalment ġewwa u parzjalment barra mill-kummerċ tal-persuna (kuntratti bi skop doppju) u l-iskop tal-kummerċ ikun limitat b'tali mod li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali tal-forniment, dik il-persuna għandha titqies ukoll bħala konsumatur.”

- 11 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jipprevedi:

“1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) 'konsumatur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika li taġixxi għal finijiet li ma għandhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tiegħu;
- (b) 'negozjant' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew persuna ġuridika, irrispettivament minn jekk tkunx ta' pussess privat jew pubbliku, li taġixxi, inkluż permezz ta' persuna li taġixxi f'ismu jew għalih, għal skopijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tiegħu;

[...]

Ir-Regolament (UE) Nru 524/2013

- 12 Il-premessa 13 tar-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (ir-Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi) (ĠU 2013, L 165, p. 1), tiddikjara:

“Id-definizzjoni ta' 'konsumatur' għandha tkopri l-persuni fiżiċi li jaġixxu barra mill-kummerċ, in-negozji, is-sengħa jew il-professjoni tagħhom. Madankollu, jekk il-kuntratt jiġi konkluż għal skopijiet parzjalment ġewwa u parzjalment barra mill-kummerċ tal-persuna (kuntratti bi skop doppju) u l-iskop tal-kummerċ ikun limitat b'tali mod li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali tal-forniment, dik il-persuna għandha titqies ukoll bħala konsumatur.”

- 13 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament jipprevedi:

“1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

- (a) 'konsumatur' tfisser konsumatur kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva [2013/11];
- (b) 'negozjant' tfisser negozjant kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva [2013/11];

[...]

Id-dritt Pollakk

- 14 L-Artikolu 22¹ tal-ustawa – Kodeks cywilny (il-liġi dwar il-Kodiċi Ċivili) tat-23 ta' April 1964 (Dz. U. tal-1964, Nru 16), fil-verżjoni tagħha li tapplika għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Ċivili"), jiddefinixxi l-"konsumatur" bħala "kwalunkwe persuna fiżika li twettaq att ġuridiku ma' kummerċjant li ma jorbotx b'mod dirett mal-attività professjonali tagħha".
- 15 Skont l-Artikolu 385¹(1) tal-Kodiċi Ċivili:
- "Il-klawżoli ta' kuntratt konkluż ma' konsumatur li ma jkunux ġew innegożjati individwalment ma jorbtux lill-konsumatur fejn dawn jiddefinixxu d-drittijiet u l-obbligi tiegħu b'mod li jmur kontra l-għemil xieraq, billi jippreġudikaw, b'mod ċar, l-interessi tiegħu (klawżoli illegali). Din id-dispożizzjoni ma tikkonċernax il-klawżoli li jiddeterminaw l-obbligi prinċipali tal-partijiet, fosthom ir-remunerazzjoni, kemm-il darba dawn ikunu ġew ifformulati b'mod inekwivoku."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 16 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, I.S. u K.S., iżżewġu mingħajr ma kkonkludew kuntratt taż-żwieġ.
- 17 Fit-28 ta' Frar 2006, huma ressqu talba ta' kreditu ipotekarju quddiem il-predeċessor tal-konvenut fil-kawża prinċipali għas-somma ta' 206 120 zloty Pollakk (PLN) (madwar EUR 45 800) u li għandha bħala munita ta' indiċjar il-frank Svizzeru (CHF). Dan il-kreditu kien intiż, minn naħa, għall-finanzjament mill-ġdid ta' djun ta' konsum marbuta ma' kreditu għall-konsum, ma' kont bankarju kurrenti, kif ukoll ma' karta ta' kreditu u, min-naħa l-oħra, għall-finanzjament ta' xogħlijiet ta' tiġdid ta' residenza.
- 18 Fil-21 ta' Marzu 2006, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkonkludew mal-predeċessor tal-konvenut fil-kawża prinċipali kuntratt ta' kreditu ipotekarju, għal perijodu ta' 300 xahar, għas-somma ta' PLN 198 996.73 (madwar EUR 44 200), indiċjata skont il-frank Svizzeru. L-ewwel porzjon ta' dan il-kreditu kien intiż, minn naħa, għar-rimbors, f'kont kurrenti miżmum f'isem kumpannija mmexxija minn I.S., tas-somma ta' PLN 70 000 (madwar EUR 15 600) bħala kreditu u, min-naħa l-oħra, għall-ħlas ta' diversi primjums tal-assigurazzjoni li jammontaw għal PLN 1 216.80 (madwar EUR 270), PLN 3 979.93 (madwar EUR 880) u PLN 3 800 (madwar EUR 840). It-tieni porzjon tiegħu kien intiż, minn naħa, għar-rimbors ta' diversi impennji finanzjarji tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li jammontaw għal PLN 9 720 (madwar EUR 2 200), PLN 7 400 (madwar EUR 1 600) u PLN 9 000 (madwar EUR 2 000) u, min-naħa l-oħra, għall-finanzjament ta' xogħlijiet ta' tiġdid ta' residenza li jammontaw għal PLN 93 880 (madwar EUR 20 900).
- 19 Kemm dakinhar li saret it-talba ta' kreditu, kif ukoll dakinhar li ġie konkluż dan il-kuntratt ta' kreditu, I.S. kienet eżerċitat attività professjonali fil-forma ta' soċjetà ċivili u K.S. kien hađem bħala hađdied taħt kuntratt ta' xogħol.
- 20 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali adixxew lill-qorti tar-rinviju b'azzjoni għar-rimbors tas-somma ta' PLN 13 142.03 (madwar EUR 2 900), flimkien mal-interessi, li tħallset lil YYY. skont klawżoli tal-imsemmi kuntratt ta' kreditu li jirrigwardaw il-valutazzjoni tal-ammont tal-pagamenti mensili tar-rimbors tal-kreditu u l-ammont tad-dejn, minħabba li dawn il-klawżoli huma inġusti.

- 21 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, quddiem il-qorti tar-rinviju, YYY. sostna, b'mod partikolari, li l-kreditu inkwistjoni kien ingħata sabiex jiġi rimborsat kreditu marbut ma' attività professjonali, b'tali mod li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma setgħux jinvokaw il-protezzjoni ġuridika prevista fl-Artikolu 385¹ tal-Kodiċi Ċivili.
- 22 Barra minn hekk, minn din it-talba jirriżulta li, matul is-seduta tal-11 ta' Jannar 2021 quddiem il-qorti tar-rinviju, I.S. ikkonfermat li s-somma ta' PLN 70 000 (madwar EUR 15 600), li nġhatat skont il-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni, kienet ġiet alllokata għar-rimbors ta' dejn fil-kont professjonali tagħha u li, wara li sar dan ir-rimbors, dan il-kont kien ingħalaq. I.S. iddikjarat ukoll li l-imsemmi rimbors kien kundizzjoni li għaliha l-konklużjoni ta' dan il-kuntratt kienet suġġetta.
- 23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju qajmet dubji dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13, f'sitwazzjoni li fiha parti mill-ammont misluf, jiġifieri 35 % ta' dan tal-aħħar, li la hija predominanti u lanqas marġinali, kienet intużat, taħt kuntratt ta' kreditu "mist", sabiex jiġi rimborsat kreditu marbut mal-attività professjonali ta' wieħed mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-parti l-oħra ta' dan l-ammont, jiġifieri 65 % tiegħu, kienet intiża għal finijiet ta' konsum li jmorru lil hinn minn attività professjonali. Dik il-qorti tistaqsi, essenzjalment, jekk l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konsumatur", imsejsa fuq ir-regoli ta' ġurisdizzjoni f'materja ta' kuntratti konklużi mal-konsumaturi, adottata fis-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber (C-464/01, iktar 'il quddiem is-sentenza Gruber", EU:C:2005:32), li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex persuna li tkun ikkonkludiet kuntratt għal oġġett intiż għal użu li huwa parzjalment professjonali u li parzjalment imur lil hinn mill-attività professjonali tagħha tkun tista' tibbenefika minn dawn ir-regoli ta' ġurisdizzjoni, l-użu professjonali għandu jkun marġinali sal-punt li jkollu rwol minuri fil-kuntest ġenerali tat-tranżazzjoni inkwistjoni, tistax tiġi applikata, b'analoġija, għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13.
- 24 F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti tosserva li mill-premessa 17 tad-Direttiva 2011/83 u mill-premessa 13 tar-Regolament Nru 524/2013 jirriżulta li, għall-finijiet tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "konsumatur" fil-każ ta' kuntratti bi skop doppju, jiġifieri kuntratti konklużi għal finijiet li jaqgħu biss parzjalment fl-ambitu tal-attività professjonali tal-persuna kkonċernata, l-iskop professjonali għandu jiġi limitat b'tali mod li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt inkwistjoni.
- 25 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' tali definizzjoni. Hija tixtieq tkun taf, b'mod partikolari, jekk il-fatt li wieħed mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali segwa skop professjonali u l-fatt li, mingħajr ir-rimbors tad-dejn tal-impriża kkonċernata, is-self inkwistjoni ma kienx jingħata għal skop mhux professjonali, jikkostitwixxux kriterji rilevanti f'dan ir-rigward.
- 26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie (il-Qorti Distrettwali ta' Varsavja-Wola, li għandha s-sede tagħha f'Varsavja, il-Polonja) issospendiet il-proċeduri quddiemha u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
- "(1) L-Artikolu 2(b) tad-[Direttiva 93/13] u l-premessi tagħha għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li fid-definizzjoni ta' "konsumatur" tkun inkluża persuna li teżerċita attività ekonomika li, flimkien ma' persuna oħra li tissellef li ma teżerċitax tali attività, tikkonkludi kuntratt ta' kreditu indiċjat f'munita barranija intiż, parzjalment, għal użu għan-negozju ta' wieħed mill-persuni li jissellfu, u parzjalment għal użu mhux relatat

mal-attività ekonomika tiegħu, u dan mhux biss f'sitwazzjoni fejn l-użu għan-negozju huwa tant marġinali li għandu biss rwol minuri fil-kuntest ġenerali ta' tali kuntratt, filwaqt li l-aspett mhux ekonomiku predominanti jkun mingħajr effett f'dan ir-rigward?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

- (2) L-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 u l-premessi tagħha għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kunċett ta' 'konsumatur' inkluż f'din id-dispożizzjoni jinkludi wkoll persuna li fil-mument tal-iffirmar ta' kuntratt kienet teżerċita attività ekonomika filwaqt li l-persuna l-oħra li tissellef b'ebda mod ma kienet teżerċita tali attività, u sussegwentement iż-żewġ persuni kkonkludew ma' bank kuntratt ta' kreditu indiċjat f'munita barranija, li l-kapital tiegħu kien parzjalment intiż għan-negozju ta' wieħed mill-persuni li ssellfu u parzjalment intiż għal użu mhux relatat mal-attività ekonomika eżerċitata, f'sitwazzjoni fejn l-użu għan-negozju ma għandux natura marġinali u ma għandux sempliċement rwol minuri fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt ta' kreditu, fejn l-aspett mhux ekonomiku għandu natura predominanti u, mingħajr użu tal-kapital tal-kreditu għal għan ekonomiku, ma kienx ikun possibbli li l-kreditu jingħata għal għan li ma huwiex ekonomiku?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

- 27 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 għandux jiġi interpretat fis-sens li jżomm persuna milli tiġi kklassifikata bħala "konsumatur" meta din tkun ikkonkludiet kuntratt ta' kreditu intiż għal użu li parzjalment jorbot mal-attività professjonali tagħha u li parzjalment imur lil hinn minn din l-attività, flimkien ma' persuna oħra li tissellef li ma tkunx aġixxiet fil-kuntest tal-attività professjonali tagħha, fejn ir-rabta li teżisti bejn dan il-kuntratt u l-attività professjonali ta' din il-persuna ma tkunx marġinali sal-punt li jkollha rwol minuri fil-kuntest ġenerali tal-imsemmi kuntratt, iżda tkun limitata sal-punt li ma tkunx predominanti f'dak il-kuntest.
- 28 Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġislażzjoni li hija tagħmel parti minnha (sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, Kanyebe *et*, C-349/18 sa C-351/18, EU:C:2019:936, punt 35, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 29 Fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13, għandu jiġi rrilevat li, konformement ma' din id-dispożizzjoni, hija "konsumatur" kwalunkwe persuna fiżika li, fil-kuntratti li jaqgħu taħt din id-direttiva, taġixxi għal finijiet li ma jaqgħux fl-ambitu tal-attività professjonali tagħha.
- 30 B'hekk, il-kwalità ta' "konsumatur" tal-persuna inkwistjoni għandha tiġi stabbilita fid-dawl ta' kriterju funzjonali, li jevalwa jekk ir-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni tagħmilx parti mill-ambitu ta' attivitajiet li ma għandhom ebda rabta mal-eżerċizzju ta' professjoni (sentenza tas-27 ta' Ottubru 2022, S. V. (Binja f'kondominju), C-485/21, EU:C:2022:839, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tippreċiżar li l-kunċett ta' "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13, huwa ta' natura

oġġettiva u huwa indipendenti mill-għarfien konkret li l-persuna inkwistjoni jista' jkollha, jew mill-informazzjoni li din il-persuna tassew ikollha (sentenza tal-21 ta' Marzu 2019, Pouvin u Dijoux, C-590/17, EU:C:2019:232, punt 24, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 31 Il-kliem tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 ma jippermettix, madankollu, li jiġi ddeterminat jekk persuna li tkun ikkonkludiet kuntratt bi skop doppju, li jaqa' biss parzjalment fl-ambitu tal-attività professjonali tagħha, tistax titqies bħala konsumatur, fis-sens ta' din id-direttiva, u jekk dan huwa l-każ, f'liema każijiet.
- 32 Fir-rigward tal-kuntest tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13, kif ukoll tal-għanjiet imfittxija minn din tal-aħħar, għandu jidfakkar li din id-direttiva, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3(1) tagħha, tapplika għall-klawżoli inġusti tal-"kuntratti [...] konklużi bejn il-bejjiegħa jew il-fornituri u konsumatur" li "ma [j]kun[u]x g[ew] negozjat[i] individwalment" (sentenza tal-15 ta' Jannar 2015, Šiba, C-537/13, EU:C:2015:14, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 33 Kif tiddikjara l-għaxar premessa tal-imsemmija direttiva, ir-regoli uniformi dwar il-klawżoli inġusti għandhom, ħlief għall-eċċezzjonijiet elenkati f'din il-premessa, japplikaw għall-"kuntratti kollha" konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, kif iddefiniti fl-Artikolu 2(b) u (ċ) tal-istess direttiva (sentenza tas-27 ta' Ottubru 2022, S. V. (Binja f'kondominju), C-485/21, EU:C:2022:839, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 34 Huwa għalhekk b'riferiment għall-kwalità tal-partijiet kontraenti, skont jekk dawn jaġixxux jew le fl-ambitu tal-attività professjonali tagħhom, li d-Direttiva 93/13 tiddefinixxi l-kuntratti li hija tapplika għalihom (sentenza tal-21 ta' Marzu 2019, Pouvin u Dijoux, C-590/17, EU:C:2019:232, punt 23 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 35 Tali kriterju jirrifletti l-idea li fuqha hija msejsa s-sistema ta' protezzjoni implimentata minn din id-direttiva, jiġifieri li, imqabbel mal-kummerċjant, il-konsumatur jinsab f'pożizzjoni iktar dgħajfa kemm fir-rigward tas-setgħa ta' negozjar, kif ukoll tal-livell ta' informazzjoni, pożizzjoni li twasslu jaqbel mal-kundizzjonijiet imħejjija minn qabel mill-kummerċjant, u dan mingħajr ma jkun jista' jkollu influwenza fuq il-kontenut tagħhom (sentenza tat-3 ta' Settembru 2015, Costea, C-110/14, EU:C:2015:538, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 36 Fid-dawl ta' din il-pożizzjoni iktar dgħajfa, l-Artikolu 6(1) tal-imsemmija dirrettiva jipprevedi li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi. Din hija dispożizzjoni imperattiva intiża sabiex tissostitwixxi l-bilanċ formali li jistabbilixxi l-kuntratt bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti b'bilanċ veru ta' natura li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn dawn tal-aħħar (sentenza tas-17 ta' Mejju 2022, Ibercaja Banco, C-600/19, EU:C:2022:394, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 37 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet li definizzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 tippermetti li tiġi żgurata l-protezzjoni mogħtija minn din id-direttiva lill-persuni fiżiċi kollha li, imqabbla mal-kummerċjant, jinsabu f'pożizzjoni iktar dgħajfa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2019, Pouvin u Dijoux, C-590/17, EU:C:2019:232, punt 28).

- 38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif indika, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 61 u 66 tal-konklużjonijiet tiegħu, in-natura imperattiva tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 u r-rekwiżiti speċifiċi ta' protezzjoni tal-konsumatur marbuta magħhom jitolbu li interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 2(b) ta' din id-direttiva, tkun ippreferuta sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' din tal-aħħar.
- 39 B'hekk, anki jekk, bħala prinċipju, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 ma japplikawx ħliet fil-każ fejn is-suġġett tal-kuntratt inkwistjoni jkun oġġett jew servizz intiż għal użu mhux professjonali, persuna fiżika li tikkonkludi kuntratt għal oġġett jew servizz intiż għal użu li parzjalment jorbot mal-attività professjonali tagħha u li, għalhekk, parzjalment biss imur lil hinn minn din l-attività, tista', f'ċerti każijiet, tiġi kklassifikata bħala "konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 2(b) ta' din id-direttiva u, għaldaqstant, tibbenefika mill-protezzjoni mogħtija minn din tal-aħħar.
- 40 Sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi, kif ukoll il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni, għandu, b'mod partikolari, jittieħed inkunsiderazzjoni l-kunċett ta' "konsumatur" f'leġiżlazzjonijiet oħra ta' dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, Vapenik, C-508/12, EU:C:2013:790, punt 25).
- 41 Kif jenfasizzaw ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, id-Direttiva 2011/83 hija partikolarment rilevanti f'dan ir-rigward.
- 42 Apparti l-fatt li d-definizzjonijiet tal-kelma "konsumatur" li jinsabu fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/13 u fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83 huma fil-biċċa l-kbira ekwivalenti, din id-direttiva tal-aħħar tfittex l-istess għan bħad-Direttiva 93/13. Fil-fatt, id-Direttiva 2011/83 tirrigwarda d-drittijiet tal-konsumaturi li jikkonċernaw kuntratti konklużi ma' kummerċjanti u tfittex li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi billi tiggarantixxi li l-konsumaturi jkunu informati u protetti fit-tranżazzjonijiet mal-kummerċjanti (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-15 ta' April 2021, MiGame, C-594/20, EU:C:2021:309, punt 28).
- 43 Barra minn hekk, kif enfażizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-Direttiva 2011/83 għandha rabta mill-qrib mad-Direttiva 93/13, peress li l-ewwel waħda emendat it-tieni waħda u dawn iż-żewġ direttivi jistgħu japplikaw għall-istess kuntratt, kemm-il darba dan il-kuntratt ikun jaq' fl-istess ħin taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* rispettivi tagħhom. Reċentement, ukoll, il-leġiżlatur tal-Unjoni saħħaħ din ir-rabta billi adotta d-Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 93/13/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 98/6/CE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (ĠU 2019, L 328, p. 7).
- 44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-premessa 17 tad-Direttiva 2011/83, li tispjega r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "konsumatur" fil-każ ta' kuntratti bi skop doppju u li minnha jirriżulta li, fejn il-kuntratt ikun konkluż għal finijiet li jaqgħu biss parzjalment fl-ambitu tal-attività professjonali tal-persuna kkonċernata u fejn l-iskop professjonali jkun tant limitat li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali tal-kuntratt, dik il-persuna għandha wkoll titqies li hija konsumatur.

- 45 Ir-rilevanza tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13, fid-dawl tal-premessa 17 tad-Direttiva 2011/83, hija kkorroborata mill-premessa 18 tad-Direttiva 2013/11 u mill-premessa 13 tar-Regolament Nru 524/2013, li jfissru bl-istess ċarezza l-kunċett ta' "konsumatur" fil-każ ta' kuntratti bi skop doppju. Minkejja li d-Direttiva 2013/11 u r-Regolament Nru 524/2013 jirrigwardaw is-soluzzjoni ta' tilwim mal-konsumatur u, għalhekk, kwistjonijiet differenti minn dawk irregolati mid-Direttivi 93/13 u 2011/83 fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumaturi, dawn il-premessi jixhdu d-determinazzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħti portata orizzontali lil din id-definizzjoni.
- 46 Sakemm l-imsemmija premessi jidhru f'atti leġiżlattivi sussegwenti għall-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali, biżżejjed jinfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punt 38 ta' din is-sentenza, in-natura imperattiva tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 u r-rekwiżiti speċifiċi ta' protezzjoni tal-konsumatur marbuta magħhom jitolbu li interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 2(b) ta' din id-direttiva, tkun ippreferuta sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' din tal-aħħar. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni teleoloġika tad-Direttiva 93/13 tiffavorixxi l-approċċ spjegat mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-istess premessi, li persuna li tkun ikkonkludiet kuntratt għal finijiet li parzjalment jaqgħu fl-ambitu tal-attività professjonali tagħha għandha titqies konsumatur fejn l-iskop professjonali jkun tant limitat li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali ta' dan il-kuntratt.
- 47 L-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-kunċett ta' "konsumatur" fil-punti 31 u 45 tas-sentenza Gruber, ikkonfermata fil-punti 29 sa 32 tas-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Schrems (C-498/16, EU:C:2018:37), fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikoli 15 sa 17 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42), kif ukoll fil-punti 87 sa 91 tas-sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević (C-630/17, EU:C:2019:123), fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1), lanqas ma żżomm milli l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 jkun interpretat fid-dawl tal-premessa 17 tad-Direttiva 2011/83.
- 48 Fil-fatt, fis-sentenza Gruber, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikoli 13 sa 15 tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32), kif emendata bil-konvenzjonijiet suċċessivi dwar l-adeżjoni tal-Istat Membri ġodda għal din il-konvenzjoni (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell").
- 49 Hekk kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 32, 33 u 43 ta' din is-sentenza, din tal-aħħar kienet tikkonċerna l-interpretazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni f'materja ta' kuntratti konklużi mal-konsumaturi previsti mill-Konvenzjoni ta' Brussell, li jidderogaw mir-regola ġenerali ta' ġurisdizzjoni prevista minn din tal-aħħar, jiġifieri dik tal-qradi tal-Istat kontraenti fit-territorju li fih il-konvenut għandu d-domiċilju tiegħu, u li, bħala regoli ta' ġurisdizzjoni li jidderogaw minn din ir-regola ġenerali ta' ġurisdizzjoni, għandhom jiġu interpretati b'mod strett, fis-sens li ma jistgħux jiġu interpretati b'mod li jmur lil hinn mill-każijiet previsti espressament minn din il-konvenzjoni.
- 50 Huwa għalhekk f'dan il-kuntest speċifiku, u wkoll fid-dawl ta' elementi rilevanti oħra fil-kuntest tal-interpretazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni previsti mill-imsemmija konvenzjoni, bħar-rekwiżiti ta' ċertezza legali u ta' prevedibbiltà tal-qorti kompetenti, kif ukoll l-għan ta' protezzjoni adegwata tal-konsumatur imfittex mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 tat-Titolu II

tal-istess konvenzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Gruber, punti 34 u 45), li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li persuna li tkun ikkonkludiet kuntratt għal użu li parzjalment jorbot mal-attività professjonali tagħha u li, għalhekk, parzjalment biss imur lil hinn minnha, ma għandhiex dritt tibbenefika mir-regoli speċifiċi ta' ġurisdizzjoni f'materja ta' kuntratti mal-konsumaturi previsti mill-Konvenzjoni ta' Brussell, ħlief jekk l-użu professjonali huwa marġinali sal-punt li jkollu rwol minuri fil-kuntest ġenerali tat-tranżazzjoni inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Gruber, punti 39 u 54).

- 51 Għalhekk, sa fejn l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 ma huwiex dispożizzjoni li għandha tiġi interpretata b'mod strett u wkoll fid-dawl tar-*ratio legis* ta' din id-direttiva li tfittex li tipproteġi lill-konsumaturi fil-każ ta' klawżoli kuntrattwali inġusti, l-interpretazzjoni stretta tal-kunċett ta' "konsumatur", adottata fis-sentenza Gruber, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-portata tar-regoli ta' ġurisdizzjoni derogatorji previst fl-Artikoli 13 sa 15 tal-Konvenzjoni ta' Brussell fil-każ ta' kuntratt bi skop doppju, ma tistax tiġi estiża, b'analoġija, għall-kunċett ta' "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13.
- 52 Sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi rrilevat ukoll li, fil-kuntest ta' kuntratt ta' kreditu konkluż ma' kummerċjant, il-persuna fiżika li ssib ruħha fis-sitwazzjoni ta' kodebitriċi taqa' taħt il-kunċett ta' "konsumatur", fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13, peress li hija taġixxi għal finijiet li ma jaqgħux fl-ambitu tal-attività professjonali tagħha u għandha, kemm-il darba ssib ruħha, fil-konfront ta' dan il-kummerċjant, f'sitwazzjoni simili għal dik tad-debitur, tibbenefika, flimkien ma' dan tal-aħħar, mill-protezzjoni prevista minn din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2015, Bucura, C-348/14, mhux ippubblikata, EU:C:2015:447, punti 35 sa 39).
- 53 Fid-dawl tal-premess, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li tkun ikkonkludiet kuntratt ta' kreditu intiż għal użu li parzjalment jorbot mal-attività professjonali tagħha u parzjalment imur lil hinn minn din l-attività, flimkien ma' persuna oħra li tissellef li ma taġixxix fil-kuntest tal-attività professjonali tagħha, fejn l-iskop professjonali jkun tant limitat li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali ta' dan il-kuntratt, taqa' taħt il-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fuq it-tieni domanda

- 54 Permezz tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju titlob, essenzjalment, li jiġu ppreċizzati l-kriterji li jiddeterminaw jekk persuna taqax taħt il-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 u, b'mod partikolari, jekk l-iskop professjonali ta' kuntratt ta' kreditu konkluż minn din il-persuna huwiex tant limitat li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali ta' din il-kuntratt.
- 55 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-qorti nazzjonali adita b'tilwima dwar kuntratt li jista' jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva għandha tivverifika, billi tiegħu inkunsiderazzjoni l-provi kollha u b'mod partikolari t-termini ta' dan il-kuntratt, jekk il-persuna kkonċernata tistax tiġi kklassifikata bħala "konsumatur" fis-sens tal-imsemmija direttiva. Sabiex tagħmel dan, il-qorti nazzjonali għandha tiegħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, u b'mod partikolari n-natura tal-oġġett jew tas-servizz li jkun is-suġġett tal-kuntratt inkwistjoni, li jkun jistgħu juru għal liema għan dan il-prodott jew servizz ikun qiegħed jinxtara (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2015, Costea, C-110/14, EU:C:2015:538, punti 22 u 23, kif ukoll tal-21 ta' Marzu 2019, Pouvin u Dijoux, C-590/17, EU:C:2019:232, punt 26).

- 56 L-istess jgħodd, minn naħa, għall-evalwazzjoni, fir-rigward ta' kuntratt ta' kreditu li parti minnu torbot mal-attività professjonali ta' min jissellef u li parti minnu tmur lil hinn minn din l-attività, tal-portata ta' kull waħda minn dawn iż-żewġ partijiet fil-kuntest ġenerali ta' dan il-kuntratt u, min-naħa l-oħra, tal-iskop predominanti tal-imsemmi kuntratt.
- 57 F'dan ir-rigward, it-tqassim tal-kapital misluf bejn attività professjonali u attività mhux professjonali jista' jammonta għal kriterju kwantitattiv rilevanti. Madankollu, jista' jagħti l-każ li kriterji mhux kwantitattivi jkunu wkoll rilevanti, bħaċ-ċirkustanza li, fil-każ ta' iktar minn persuna waħda li tissellef, waħda minnhom issegwi, permezz tal-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni, skop professjonali jew, jekk ikun il-każ, il-fatt li min isellef ikun issuġġetta l-għoti tal-kreditu, fil-bidu intiż b'mod esklużiv għal finijiet ta' konsum, għal allokazżjoni parzjali tal-ammont misluf għar-rimbors ta' dejn marbut ma' attività professjonali.
- 58 Dawn il-kriterji la huma eżawrjenti u lanqas esklużivi, b'mod li hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina ċ-ċirkustanzi kollha tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali u tevalwa, abbażi tal-provi oġġettivi li jkollha, sa fejn l-iskop professjonali jew mhux professjonali ta' dan il-kuntratt huwa predominanti fil-kuntest ġenerali ta' dan tal-aħħar.
- 59 Fid-dawl tal-premess, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna taqax taħt il-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, jekk l-iskop professjonali ta' kuntratt ta' kreditu konkluż minn din il-persuna huwiex tant limitat li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali ta' dak il-kuntratt, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha ta' dan il-kuntratt, kemm dawk kwantitattivi u kif ukoll dawk kwalitattivi, bħal, b'mod partikolari, it-tqassim tal-kapital misluf bejn attività professjonali u attività mhux professjonali, kif ukoll, fil-każ ta' iktar minn persuna waħda li tissellef, il-fatt li waħda minnhom issegwi skop professjonali u li min isellef ikun issuġġetta l-għoti ta' kreditu intiż għal finijiet ta' konsum għal allokazżjoni parzjali tal-ammont misluf għar-rimbors ta' dejn marbut ma' attività professjonali.

Fuq il-limitazzjoni tal-effetti ratione temporis ta' din is-sentenza

- 60 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-konvenut fil-kawża prinċipali talab, essenzjalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja tillimita l-effetti *ratione temporis* tas-sentenza tagħha kemm-il darba ma tinterpretax il-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13 fid-dawl tas-sentenza Gruber. Insostenn tat-talba tiegħu, huwa invoka l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività.
- 61 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, huwa biss f'każijiet eċċezzjonali ferm li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', b'applikazzjoni ta' prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, tillimita l-possibbiltà għal kull persuna kkonċernata li tinvoka dispożizzjoni li hija tkun interpretat bil-għan li tqiegħed f'dubju relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti *bona fide*. Sabiex tali limitazzjoni tkun tista' tiġi deċiża, huwa neċessarju li jiġu ssodisfatti żewġ kriterji essenzjali, jiġifieri l-*bona fide* tal-persuni kkonċernati u r-riskju ta' diffikultajiet serji (sentenza tal-11 ta' Novembru 2020, DenizBank, C-287/19, EU:C:2020:897, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 62 F'dan il-każ, madankollu, il-konvenut fil-kawża prinċipali iressaq sempliċement argumenti ta' ordni ġenerali mingħajr ma jagħti prova konkreta u preċiża ta' natura li tistabbilixxi l-fondatezza tat-talba tiegħu fid-dawl ta' dawn iż-żewġ kriterji.

- 63 Għaldaqstant, ma hemmx lok li l-effetti ta' din is-sentenza jiġu limitati *ratione temporis*.

Fuq l-ispejjeż

- 64 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jiġihallu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-Artikolu 2(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

persuna li tkun ikkonkludiet kuntratt ta' kreditu intiż għal użu li parzjalment jorbot mal-attività professjonali tagħha u parzjalment imur lil hinn minn din l-attività, flimkien ma' persuna oħra li tissellef li ma taġixxix fil-kuntest tal-attività professjonali tagħha, fejn l-iskop professjonali jkun tant limitat li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali ta' dan il-kuntratt, taqa' taħt il-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

- 2) L-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna taqax taħt il-kunċett ta' "konsumatur", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, jekk l-iskop professjonali ta' kuntratt ta' kreditu konkluż minn din il-persuna huwiex tant limitat li ma jkunx predominanti fil-kuntest ġenerali ta' dak il-kuntratt, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha ta' dan il-kuntratt, kemm dawk kwantitattivi u kif ukoll dawk kwalitattivi, bħal, b'mod partikolari, it-tqassim tal-kapital misluf bejn attività professjonali u attività mhux professjonali, kif ukoll, fil-każ ta' iktar minn persuna waħda li tissellef, il-fatt li waħda minnhom tfittex skop professjonali u li min isellef ikun issuġġetta l-għoti ta' kreditu intiż għal finijiet ta' konsum għal allokazżjoni parzjali tal-ammont misluf għar-rimbors ta' dejn marbut ma' attività professjonali.

Firem